MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 529/2007

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT SILVIO VALLETTA**
**VS**
**KEVIN BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Bugeja, ta 33 sena, iben Nazzareno u Marianne xebba Grech, mwieled Pieta' fl-14 ta' Jannar 1974, u residenti Angel Flats Flat Nru 1 sqaq il-Ghadam, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita numru 90174 (M) .

Billi huwa akkuzat talli:

a) Nhar 24 ta'Mejju 2007 ghal habta ta' 11.15 ta'filghodu, fi Triq is-Salvatur, Attard sraqt basket minn fuq il-persuna ta'Rita Deguara, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jaccedi il-mitt lira Maltin;

b) U aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misqruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u dak tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-9 t'Awwissu 2010;

Ikkunsidrat:

Is-Supretendent Silvio Valletta xhed li kien dahal rapport fl-24 ta'Mejju 2007 minn certu Rita Deguara dwar htif ta' basket taghha (*handbag*) li kien jikontieni mitejn u hamsin Lira Maltija (LM250) u tlett mija u hamsin Lira Maltija (LM350) f'telephone cards u zewg *mobile phones*. Dan il-*handbag* gie misruq minn zewg persuni li rikbu f'karozza *Peugot 306 convertable* bin-numru tar-registrazzjoni HBA 724 u ta' kulur ahdar.

Supretendent Valletta (a fol 13 et seq) xhed illi l-Pulizija intercettaw lill imputat Kevin Bugeja li kien qieghed isuq din il-karozza indikata li kienet propjeta ta' ceru Alan Barbara. Bugeja ikkonferma li kien hu li qed jaghmel uzu minn din il-karozza. Supretendent Valletta xhed li Bugeja innega l-involviment tieghu f'din is-serqa u nforma l-Pulizija li f'dak il-hin, huwa kien qieghed jahsel il-karozza f'*car wash*.

Supretendent Valletta informa lill Qorti li il-*Peugot 306* hadra *convertable* b'numru ta'registrazzjoni bl-**ittri HBA kienet unika f'Malta.** Supre. Valletta xhed illi Bugeja kellu *tattoo* f'dirajgh bejn il-minkeb u l-ispalla. Huwa xhed illi

Rita Deguara giet murija il-karozza HBA 724 fil-*Head quaters* tal-Pulizija u gharfitha u ikkumentat illi meta ratha il-karozza kienet mahmuga hafna. Supretendet Valletta ezebixxa l-istqarrija tal-imputat DOK SV il-kunsens tal-Avukat Generali SV1, ricevuta tal-carwash SV2 u sitt ritratt SV3 a sa f. Ezebixxa wkoll il-karozza HBA 724 formalment.

PS 914 Evan Mifsud (a fol 22) xhed illi fuq struzzjonijiet superjuri, huwa intercetta il-vettura HBA 724 *Peugot 306 convertable* misjuqa mill-imputat Bugeja. Dan kien fl-24 ta'Mejju 2007 wara is-siegha ta' wara nofs inhar.

Alan Barbara (a fol 24 et seq) xhed illi l-imputat jigi hu l-mara tieghu. Ikkonferma illi l-vettura HBA 724 kienet propjeta tieghu, kellha daqqa fuq wara , u li Bugeja kien wettaq l-spray painting fuqha. Barbara ikkonferma li kien sellef din il-karozza lill-Kevin Bugeja ghal xi xahar.

Brian Farrugia (a fol 35) rapprezentant tal-ADT ikkonferma li il-vettura HBA 724 kienet propjeta ta'Alan Barbara fid-data indikata fic-citazzjoni u ezebixxa ir-ricerka DOK BF.

PC 643 Jesmond Delicata ( a fol 43) ikkonferma l-isqarrija tal-imputat DOK SV.

Supretendent Valletta ( a fol 45) ezebixxa l-okkorenza DOK SV 5.

Illi fil-verbal tas-16 ta'Lulju 2010, id-difiza iddikjarat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u ma kellhux provi x'jipproduci.

Ikkunsidrat:

Illi fil kaz in ezami din il-Qorti kienet iddikjarat maghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni stante li ghal divesi seduti il-prosekuzzjoni kienet naqqset li tharrek lill-imputat jew ix-xhieda. Dan gara fis-seduti hawn taht elenkati:

1) Seduta tal-23 ta' Jannar 2008;

2) Seduta tas-7 t'April 2008;
3) Seduta tal-24 t' April 2008;
4) Seduta tas-19 ta' Gunju 2008;
5) Seduta tal-24 ta'Settembru 2008 l-imputat debitament mharrek, ezebixxa certifikat mediku ( a fol 30-31)
6) Seduta tas-17 ta'Novembru 2008
7) Seduta tas-6 ta' Mejju 2009;
8) Seduta tas-6 ta' Lulju 2009;
9) Seduta tal-21 t'Ottubru 2009;
10) Seduta tas-26 ta'Jannar 2010 li fiha il-Qorti avzat lil ufficjal prosekutur bil-kjusura tal-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, f'kaz li l-prosekuzzjoni tibqa' inadempienti;
11) Seduta tat-8 ta'Frar 2010;
12) Seduta tat-13 ta'Marzu 2010 – Li fiha l- Qorti ddikjarat maqghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi il-provi li l-prosekuzzjoni dehrilha illi ghandha tressaq huma fjakki ghall ahhar. Rita Deguara iddikjarat illi m'gharfitx lill imputat bhala wiehed mill-hallelin **ghaliex kien qieghed jghatti wiccu b'idejh**. Ikkonfermat li l-halliel kellu *tattoo* fuq *upper arm* f'forma ta' cinta **<u>minghajr</u> ma xhedet dwar c-cirkostanzi tas-serqa, u l-oggetti li nsterqulha.**

L-imputat innega l-involviment tieghu fis-serqa meritu tal-akkuza fl-istqarrija tieghu, izda ikkonferma li il-karozza HBA 724 kienet fil-pussess tieghu ghal madwar erba' xhur **"Dejjem ghandi kien, kemm ilu ghandi dejjem uzajtu jien."** ( a fol 16)

**L-okkorrenza ezebita (a fol 46 et seq) ma gietx ikkonfermata mis-Surgent li irredigiha**.

Ebda process verbal ma gie ezebit. Ebda parti mir-res furtiva li nsabet, ma giet ezebita. Ebda ritratt ta'*tattoo* tal-imputat ma gie prodott, b'konferma tal-istess mix-xhieda ta' Deguara.

Ebda impronta digitali ma giet ezebita li b'xi modd tallacca lill l-imputat mas-serqa.

Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probitorju rikjest fil-kamp kriminali biex b'xi mod tapprova il-kaz taghha.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr li ssib l-imputat mhux hati u tilliberah

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------